**3 ta' Ottubru, 1963.**

**Imhallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Nikola Zammit

*versus*

Alfred Busttil

**Spejjeż ġudizzjarji**

*Meta l-konvenut jkun informa lill-attur qabel ma dan beda l-proċeduri li huwa kien sejjer jibda x-xogħol għal-liema kien obbligat u effettivament jkun għamel hekk allura ma għandux jbagħti l-ispejjeż tal-kawża.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppre-

metta illi huwa l-proprjetarju tal-fond "Gina" House, Islet Promenade, Buġibba, sovrapost għall-fond proprjetà tal-konvenut "Venice" House fl-istes triq, u li hu għandu dritt li juża l-katusi flimkien mal-istess konvenut u ħaddieħor u dawn l-istess katusi jgħaddu minn ġo l-proprjetà tal-konvenut u ċioè l-fond Venice House fuq imsemmija u illi dan l-aħħar l-istess konvenut ikkaġona ħsara f'dawn il-katusi b'mod li rrendihom mhux tajbin għall-użu li għalih huma destinati u b'mod li l-attur ma jistax igawdi ebda kumdità u bżonn sanitarju li għalihom għandu dritt, u illi fis-sitta (6) ta' Frar, 1963, il-Qorti tal-Maġistrati, ikkundannat lil-kontendenti biex fi żmien xahar jagħmlu l-katusi tad-dranaġġ fi stat tajjeb ta' tiswija taħt piena ta' tmintax irbiegħi (2s 6d) kull jum ta' dewmien, talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni — (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenut hu responsabili għat-tiswija tal-imsemmija katusi li jgħaddu minn ġo l-fond tiegħu Venice House; (2) il-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti li jirripara l-istess katusi skond is-sengħa fi żmien qasir u perentarju li tiffissa din il-Qorti taħt id-direzzjoni, jekk ikun il-każ ta' periti nominandi a spejjeż tal-istess konvenut, u (3) jekk igħaddi ż-żmien imsemmi u mogħti lilu inutilment l-attur jiġi awtorizzat li jagħmel ix-xogħlijiet kollha awtorizzati, dan ukoll taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi, a spejjeż tal-istess konvenut. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal li mhux minnu li hu kkaġuna xi ħsarat fil-katusi in kwistjoni billi hu xtara l-post f'Ottubru, 1962, u mar fih anqas minn għaxar darbiet matul il-ġurnata; b'dan kollu hu offra li jħallas il-parti tiegħu mal-ispiża rikjesta għat-tiswija u b'dana nforma lil-attur. Għalhekk id-domandi ta' l-attur għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-kontendenti;

Rat ir-rikors tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar, 1963 li bih l-attur talab li l-kawża tiġi trattata bl-urġenza li ġie milqugħ u l-kawża appuntata għall-ewwel (1) ta' Marzu, 1963.

Rat il-verbal tal-ewwel (1) ta' Marzu, 1963 minfejn jirriżulta li l-konvenut permezz tad-difensur tiegħu ddikjara li x-xogħol kien lest, u li, in vista ta' dina d-dikjarazzjoni, l-attur, permezz tad-difensur tiegħu, qabel li ma kienx hemm iżjed lok għall-urġenza, salv il-verifika tax-xogħol li sar;

Rat il-verbal tas-sitta (6) ta' Mejju 1963 minfejn jirriżulta li l-attur iddikjara, permezz tad-difensur tiegħu, li x-xogħol magħmul mill-konvenut hu sodisfaċenti; dikinhar il-partijiet iddikjaraw li ma jistgħux jaslu fi transazzjoni dwar l-ispejjeż tal-kawża billi ma jistgħux jaqblu fuq min għandu jbati l-ispiża tax-xogħol li sar;

Semgħet lix-xhieda prodotti u eżaminat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-kawża bejn il-partijiet inqalgħet in vista tal-fatt li huma t-tnejn flimkien ma' persuna oħra b'sentenza tas-sitta (6) ta' Frar, 1963, kienu ġew kundannati mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta biex jagħmlu żmien xahar ix-xogħol imsemmi fiċ-ċitazzjoni taħt penali ta' tmintax irbiegħi (2s 6d) kull jum jekk ma jlestix f'dana ż-żmien, mentri li l-attur jippretendi li dana x-xogħol kellu jsir mill-konvenut a spejjeż tiegħu waħdu u ried li hekk isir fiż-żmien imsemmi. Dan jirriżulta mill-mod kif hi konċepita ċ-

ċitazzjoni u mir-rikors għat-trattazzjoni urġenti tal-kawża;

Illi fil-fatt il-konvenut permezz ta' ittra tad-difensur tiegħu tat-tnax (12) ta' Frar, 1963 kien bagħat igħid lill-attur (u lil ċertu Anthony Bezzina li mid-deherha hu wkoll interessat) li hu (i.e. il-konvenut) kien bi ħsiebu jagħmel ix-xogħol meħtieġ, u ried li jiltaqgħu t-tlieta flimkien mal-imgħallem biex jiftehmu fuq ix-xogħol u l-ispejjeż; żied wkoll fl-ittra li f'nuqqas li jikkomunikaw miegħu (l-attur u Bezzina) allura hu jipproċedi bix-xogħol u jaddebitahom bil-kwota ta' l-ispiża li tispettalhom. Evidentement però l-attur ma qagħadx fuq dan id-diskors tal-konvenut u biex jassikura żgur li x-xogħol jitlesta fiż-żmien mogħti mill-Qorti Inferjuri u a spejjeż tal-konvenut, huwa għamel il-kawża;

Ili mill-verbali ġa riferiti tal-ewwel (1) ta' Marzu, 1963 u tas-sitta (6) ta' Mejju, 1963 jirriżulta li verament il-konvenut għamel ix-xogħol meħtieġ u għamlu b'mod sodisfaċenti anke fil-ħsieb ta' l-attur; ix-xogħol tlesta qabel l-ewwel (1) ta' Marzu 1963, u kwindi fit-terminu fissat mill-Qorti Inferjuri billi dan kien jagħlaq fis-sitta (6) ta' Marzu 1963;

Illi taħt dawna ċ-ċirkostanzi hu evidenti li d-domanda tal-attur (ċioè li jsir mill-konvenut ix-xogħol ordnat bis-sentenza risaputa fiż-żmien fissat fiha stess) jinsabu eżawriti għaliex il-konvenut għamel dak ix-xogħol f'dak iż-żmien kif qal lill-attur li kien sejjer jagħmel; li kieku l-attur qagħad fuq id-dikjarazzjoni tal-konvenut ma kienetx issir il-kawża, salv li l-kontendenti kienu mbagħad jiddiskutu jekk l-attur hux tenut jikkontribwixxi għall-ispiża meta l-konvenut jippresentalu l-kontijiet — ħaġa li għad trid issir jekk il-konvenut ikompli jinsisti fuq il-pretensjoni tiegħu u ma jaslux fi ftehim, kif ma waslux s'issa skond ma jidher mill-verbal tas-sitta (6) ta' Mejju. Ċertament l-attur kien intitolat li ma joqgħodx fuq il-

kelma tal-konvenut u jagħmel il-kawża biex jissalvagwardja l-interessi tiegħu stess għall-każ li l-konvenut jonqos; però r-riskju kien għalih u la darba l-konvenut esegwixxa dak li qal li sejjer jesegwixxi u fiż-żmien li dan kellu jiġi esegwit allura dan m'għandux ibati l-ispejjeż li hekk jirriżultaw li saru inutilment. Hu ċert li a bażi tal-ittra tal-konvenut li sejjer jagħmel ix-xogħol, l-attur kien jista' jfittxu għad-danni jekk ma jesegwix dak li pprometta. Bħala eżempju ta' applikazzjoni ta' dana l-prinċipju dwar l-ispejjeż il-Qorti ssemmi l-każ meta jkun hemm konvenju u waħda mill-partijiet titlob il-kundanna tal-parti l-oħra biex taddivjeni għall-att miftiehem qabel l-iskadenza tat-terminu u din taddivjeni fiż-żmien stipulat. meta l-ispejjeż jibqgħu għall-attur; l-anqas ma jista' jingħad li l-kawża serviet biex il-konvenut jibda u jlesti x-xogħol li għamel (f'liema każ wieħed kien jista' jsib xi ġustifikazzjoni tal-introduzzjoni relattiva) bili skond l-ittra tat-tnax (12) ta' Frar il-konvenut kellu jistenna ġimgħa biex jisma mingħand l-attur u Bezzina qabel ma jibda x-xogħol u skond il-kont sar xogħol fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar li ħa ħamest ijiem u kwindi bil-fors il-konvenut kellu intenzjoni serja u ġa kien qed jinteressa ruħu meta kiteb l-ittra in kwistjoni anke jekk jiġi ritenut li x-xogħol inbeda flok spiċċa fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar; infatti bil-fors li l-akkordju mal-imgħallem jew nies tax-xogħol ried isir qabel ma nbeda x-xogħol stess: intant iċ-ċitazzjoni saret fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar u ġiet notifikata l-għada stess b'mod li ma kien hemm ebda intervall sat-tlieta u għoxrin (23) tax-xahar. Il-konvenut igħid, li, meta nbdiet il-kawża, ix-xogħol li jirrigwarda lill-attur kien lest, però l-attur jiċħad dan; ċertament kien għad fadal żmien sew għas-sitta (6) ta' Marzu sa meta x-xogħol kellu jitlesta, iżda, fiċ-ċirkostanzi riżultati. wieħed għandu jikkonkludi li meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni jekk ix-xogħol ma kienx lest u l-anqas mibdi kien żgur sejjer jinbeda imminentement u indipendentement mill-istess proċedura, li hekk tirriżulta li saret inutilment anke taħt dan l-aspett l-iżjed benevoli għall-attur.

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm dawna l-konsiderazzjonijiet japplikaw iżjed għat-tieni u t-tielet talba għax riferibbli għall-esekuzzjoni tax-xogħol u mhux għal min għandu jitħallas għall-istess xogħol, mentri ta' l-ewwel domanda, hu evidenti li hemm ness intimu bejn it-tliet domandi u, skond ma svolġew ruħhom il-fatti, għandu jiġi konkjuż li l-anqas dina l-ewwel domanda ma kienet issir li kieku ma sarux id-domandi l-oħrajn: din kienet preordinata għalihom. U la darba, għar-raġunijiet premessi, ma kienx hemm lok li dawn isiru, l-anqas ma kien hemm lok għall-ewwel talba. Fil-fatt il-konvenut għamel ix-xogħol, għamlu sew, u sa issa ħallsu hu — kif ried li jsir l-attur u kif il-konvenut qal li sejjer jagħmel qabel sew ma bdiet il-kawża; għalkemm il-konvenut kien qal ukoll minn qabel u anke sostna matul il-kawża li l-attur għandu ibati parti mill-ispiża (kif qal ukoll in konfront ma' Bezzina li agħmel użu mid-drenaġġ in kwistjoni), b'danakollu għad m'għamel ebda kawża biex jitħallas u hu anke fl-interess tal-partijiet li l-kwistjoni tal-prinċipju tar-responsabilità tiġi diskussa b'riferenza għal domanda speċifika milli akkademikament, jekk u meta tiġi avanzata mill-konvenut u fil-konfront tal-interessati kollha; hekk kien isir u hekk kwindi għandu jsir in vista tar-riserva li għamel il-konvenut fl-ittra tiegħu tat-tnax (12) ta' Frar, li għaliha r-risposta kellha tkun li wieħed jiċħad li għandu jikkontribwixxi għat-tiswija u jirriserva kull eċċezzjoni jekk u meta ssir il-kawża. Taħt dana l-aspett għalhekk dina d-domanda hija ntempestiva; iżda hemm lok għall-mitagazzjoni fil-kap ta' l-ispejjeż relattivi għaliha billi dina r-riserva għandha wkoll minn pretensjoni ta' dritt li mhix qiegħda tiġi diskussa, kif intqal, anke fl-interess taż-żewġ partijiet u mħabba d-deċiżjoni fuq it-talbiet l-oħrajn, speċjalment li r-riserva kienet riferibbli għax-xogħol, meritu ta' dawna t-talbiet stess, li jistgħu jinteressaw anke lil min mhux fil-kawża, biex hekk il-partijiet jitqiegħdu fil-pożizzjoni li kienu jkunu kieku l-attur qagħad

fuq il-kelma tal-konvenut kif irriżulta li kellu joqgħod.

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti tipprovdi fuq it-talbiet ta' l-attur billi (a) tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju dwar l-ewwel talba bl-ispejjeż bin-nofs bejn il-kontendenti, lil min jibqgħu riservati d-drittijiet dwar il-meritu relattiv, u (b) tiddikjara li m'hemm lok għall-ebda provvediment fuq it-tieni u t-tielet talba billi x-xogħol hemm imsemmi jinsab diġa esegwit sew, bl-ispejjeż kontra l-attur.